

# Dun Eddie Muscat
## *(1929 – 2018)*

Eddie Muscat twieled fit-13 ta' Ġunju 1929. Għix ġewwa Ħal Qormi fi Triq il-Ġdida, f'familja ta' tmienja. Ommu Filomena, missieru Robert u ħutu John Baptist, Joe, Frans, Mary u Tessie. F'età ta' 27 huwa leħaq patri ta' Santu Wistin fid-29 ta' Lulju 1956. Għamel żmien jagħti servizz fil-kunvent tar-Rabat u wara kien stabilit ġewwa Raħal Ġdid. Wara mar jistudja Masters of Science ġewwa l-Amerika għal madwar 15-il sena. Meta ġie lura Malta fl-1978 beda jagħti servizz pastorali fil-parroċċa ta' San Sebastjan filwaqt li kien ukoll għalliem fl-iskola ta' Santu Wistin li kienet il-Pietà. Kellu għal qalbu ħafna l-kappella tad-Duluri ta' Triq San Dwardu fejn kien iqaddes spiss.



*Dun Eddie Muscat fil-Prima Messa*

Dun Eddie miet fl-14 ta' Settembru 2018, fl-età ta' 89 sena ġewwa l-isptar Mater Dei wara li marad. Il-funeral tiegħu sar fis-17 ta' Settembru 2018 ġewwa l-knisja ta' San Sebastjan. Mons. Arċisqof Charles J. Sciculna mexxa l-Korteo mill-Kripta fejn kien espozizjoni għal pubbliku u d-difna saret privata ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata.



*Dun Eddie Muscat*
*Patri Agostinjan*



*L-Arċisqof jinċensa l-Katavru ta' Dun Eddie*